# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 694/97

Emanuela sive Liliana Said
vs
Chairman Telemalta Corporation u b' digriet tal-31 ta' Mejju 1999 Maltacom p.l.c.

Illum 17 ta' Jannar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tal-1989, ir-rikorrenti sofriet ingustizzja billi ma gietx moghtija l-promozzjoni li kien jisthoqqilha ta' "Executive Officer" minghajr raguni valida anzi x'aktarx minhabba motivi politici.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrenti giet impjegata mill-Korporazzjoni intimata fis-17 ta' Novembru 1986, fil-grad ta' Clerk 1, pero' nghatat l-appointment b'effett mill-1 t'April 1987. Illi ir-rikorrenti dejjem impenjat ruhha u hadet interess fix-xoghol li giet inkarigata taghmel u dejjem wettqet id-doveri taghha bl-akbar responsabbilita' u efficjenza.

Illi r-rikorrenti bdiet il-karriera taghha fis-sezzjoni tad-Direttorju imbaghad intbaghtet fis-Sezzjoni tal-"Waiting List". Kien f'dan iz-zmien li ir-rikorrenti ntbaghtet tahdem ghal hames xhur fl-Ufficcju tac-Chairman tal-Korporazzjoni intimata. F'din il-kariga tal-ahhar, ir-rikorrenti kellha xoghol responsabbli u kunfidenzjali, liema xoghol hija wettqet b'success u ghas-sodisfazzjon shih tas-superjuri taghha.

Illi permezz tac-cirkolari numru 42/89 datata 23 ta' Gunju 1989 il-Korporazzjoni intimata sejhet ghal applikazzjonijiet biex jimtlew vakanzi fil-grad ta' Executive Officer.

Illi peress li r-rikorrenti kellha l-kwalifiki, l-esperjenza u s-seniority necessarja ghal dan il-grad hija applikat biex tigi promossa ghal Executive Officer.

Illi r-rikorrenti ssejhet u attendiet ghal interview li matulu rrispondiet korrettement ghall-mistoqsijiet kollha li sarulha u kienet kunfidenti ferm li kienet marret tajjeb.

Illi dak iz-zmien li harget is-sejha ghal applikazzjonijiet ghal grad ta’ Executive Officer ir-rikorrenti kienet qed tahdem fis-sezzjoni tal-Waiting List. Fl-istess sezzjoni kien hemm jahdmu erba’ persuni ohra - Administrative Assistant li kien il-kap tas-sezzjoni u tlett Clerk 1. Madankollu ir-rikorrenti tista’ tghid li kellha l-akbar xoghol ta’ responsabbilta’ peress illi, fost affarijiet ohra, kienet twiegeb il-Parliamentary Questions, tqassam il-files, tiehu hsieb l-istationery u anke taghmel ix-xoghol kollu ta’ typing. Meta kienet tinqala xi problema fuq il-Computer dejjem kienet ir-rikorrenti li kienet taghmel kuntatt mal-Inginier. Barra mix-xoghol regolari taghha, ir-rikorrenti kienet ukoll tiehu certi inizjattivi biex ix-xoghol tas-sezzjoni jsir ahjar, u f’okkazjoni minnhom fejn kien involut xoghol fuq l-ismijiet tat-toroq, kienet sahansitra bdiet tibghat ghall-Gazzetta tal-Gvern hija personalment id-dar biex din tkun tista’ tiehu l-informazzjoni necessarja minnha.

Illi, madankollu, meta hareg ir-rizultat, ir-rikorrenti ma gietx promossa ghall-grad ta’ Executive Officer, filwaqt li gew promossi numru ta’ persuni li, ghalkemm kellhom seniority daqs ir-rikorrenti, ma kellhomx kwalifiki u esperjenza daqsha f’posizzjoni responsabbli.

Illi fost dawk li nghataw il-promozzjoni kien hemm is-Sur Charles Gauci Clerk 1 li kien jahdem fl-istess sezzjoni tar-rikorrenti u kellu anqas esperjenza u kwalifiki minnha. Lil dan kienet ir-rikorrenti li kienet ghallmitu x-xoghol tieghu peress li kien gie minn flokha fiz-zmien li ntbaghtet tahdem fl-ufficcju tac-Chairman.

Illi r-rikorrenti hasset li ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex hija ma nghatatx il-promozzjoni li kien jisthoqqilha, anzi r-rikorrenti sostniet li dan gara x'aktarx ghal mottivi politici.

Illi b'konsegwenza tal-ingustizzja li sofriet, ir-rikorrenti sofriet telf finanzjarju konsistenti fl-awment ta' paga relattiva ghall-grad ta' Executive Officer. Barra minn hekk il-fatt li ma nghatatx il-promozzjoni ghal Executive Officer fl-1989, kellu konsegwenzi negattivi fuq il-karriera tar-rikorrenti, peress illi meta sussegwentement saret ir-riforma fil-korporazzjoni intimata fl-1996 kienet terga tigi promossa ghall-grad oghla, cioe' ghal Assistant Principal.

Illi b'hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrenti, fil-perjodu fuq indikat, garrbet ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew li minhabba fiha garrbet inkapacita' jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment taghha r-rikorrenti ser tressaq ix-xhieda murija fl-elenku anness.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet illi dan it-Tribunal joghgbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrenti, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju lir-rikorrenti billi:

(1) tinghata l-promozzjoni li kien jisthoqqilha ghall-grad ta' Executive Officer fiz-zmien li kellha tinghata tali promozzjoni;

(2) tigi assimilata fil-grad ta' Assistant Principal, skond ir-riforma tal-1996 b'effett retroattiv mid-data li sehhet dik ir-riforma;

(3) tithallas l-arretrati ta' paga, overtime u allowances li tilfet b'rizultat tal-ingustizzja li sofriet;

Fl-eventwalita' li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw ir-rikorrenti titlob li jigi ordnat jithallas lilha kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrenti jew li cahditha minn promozzjoni li kien haqqha.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Executive Officer kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrenti kienet applikat u anke ghaddiet billi gabet 52 marka minn 100.

B'danakollu n-numru ta' vakanzi kien limitat u ma gewx promossi dawk kollha li ghaddew. L-ahhar persuna li nhatret f'dan il-grad gabet 56 marka.

3. Illi l-marki li gabet ir-rikorrenti kienu mqassmin hekk: 4 minn 10 marki ghas-snin ta' servizz; 10 minn 25 marka ta' l-esperjenza; 18 minn 25 marka tal-kwalifiki; 10 minn 20 marka ghal personalita'/present section; 5 minn 10 marki ghal Other Sections u 5 minn 10 marki ghal General Knowledge.

4. Illi Charles Gauci indikat mir-rikorrenti gab 56 marki mqassmin hekk: 4 minn 10 marki ghas-snin ta' servizz; 8 minn 25 marka ta' l-esperjenza; 12 minn 25 marka tal-kwalifiki; 16 minn 20 marka ghal personalita`/present section; 8 minn 10 marki ghal Other Section, u 8 minn 10 marki ghal General Knowledge.

5. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjez kontra taghha.

Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit li fih semmiet li meta marret ghall-intervista staqsewha f' liema sezzjonijiet hadmet. Giet mistoqsija wkoll dwar l-istruttura tat-Telemalta u hi semmiethom kollha tajbin izda halliet barra lis-Sur Charles Arrigo. L-intervista damet hames minuti. Hi hassitha offiza li l-promozzjoni hadha Charles Gauci u hi ma hadithiex. Hi semmiet li kienet ressqet il-kaz taghha quddiem il-Bord tal-Appelli izda baqghet ma haditx il-promozzjoni.

Irrizultaw ukoll il-kwalifiki li kellha r-rikorrenti li kienu "O" Level fil-Malti, Matematica, Ingliz, Litteratura Ingliza, Franciz, Gharbi, Typing u Shorthand.

Xehed Joseph Mallia u pprezenta r-rapport tal-bord ta' l-ghazla kif ukoll il-kwalifiki li kellhom diversi impjegati. Hu qal li ghalkemm ir-rikorrenti kienet ikkwalifikat peress li gabet 52 marka hi ma naghtatx il-promozzjoni peress li n-numru ta' vakanzi ma kienx jippermetti. Fil-fatt l-ahhar persuna li nhatret f' dan il-grad gabet 56 marka.

Xehedet Lycia Mallia li qalet li r-rikorrenti kienet taqa' tahtha peress li kienet tahdem fis-sezzjoni tal-waiting list li hija waiting list ghall-applikazzjonijiet ghal min japplika ghat-telefon. Ghalkemm ir-rikorrenti ma kenitx taqa' direttament taht ir-responsabbilta` taghha hi kienet tmur ghandha peress li Said kienet efficjenti hafna fuq xogholha. Hi ddeskriviet lir-rikorrenti bhala

ta' kapacita` tajba fuq xogholha. Hi kompliet tghid li ma tafx li r-rikorrenti kellha xi konflitti mas-superjuri taghha u ma l-staff li tahdem mieghu. Qalet li x-xoghol dejjem sar b'certa armonija.

Xehed Ives Pockock li semma li hu kien in charge tas-sezzjoni tal-Waiting List. Zied jghid li jiftakar li Liliana Said kienet efficjenti hafna u ghenitu hafna wkoll meta saret il-kompjuterizzjoni tas-sistema tal-waiting list. Xogholha dejjem ghamlitu fil-hin.

Xehed David Buttigieg li pprezenta prospett li juri l-ammont li sofriet ir-rikorrenti tul is-snin skond il-workings u l-kalkolazzjonijiet li ghamel hu stess matul is-snin mill-1987 sa Dicembru tas-sena 2000. L-ammont totali jammonta ghal Lm2465.

**KONKLUZJONIJIET:**

**Konsiderazzjonijiet Generali:**

Fil-kawza fl-ismijiet Nathalie Attard vs Maltacom deciza minn dan it-Tribunal fl-24 ta' Ottubru, 2001 it-Tribunal qal:

Illi ghalhekk biex jasal ghall-konkluzzjoni dwar jekk saritx ingustizzja mar-rikorrenti mill-Maltacom, dan it-Tribunal irid f'dan il-kaz l-ewwel jara jekk sarux ingustizzji fl-ghoti tal-promozzjonijiet u wara jara jekk ir-rikorrenti haqqix l-ghoti tal-promozzjoni.

Fl-analisi ta' dak li sar irrizulta li:

l-artiklu 15 tal-Ftehim Kollettiv ghas-snin 1/10/86 sat-30/9/89 jghid “In the making of promotions and/or in the filling of vacancies, the Corporation considers the requirements of the job and the merit, qualifications, aptitude, experience and seniority of those being considered for promotion or the filling of vacancies. Fil-fatt is-Selection Board ma mexiex ezatt skond il-kriterji stabbiliti f’dan il-ftehim ghax ghalkemm seniority, experience, u qualifications huma imsemmija specifikament fil-ftehim kollettiv, zdiedu personality, other sections u general knowledge, waqt li thallew barra **merit** u **aptitude.** L-aktar li hu preokkupanti huwa li dawn jidhru jaghtu wisq importanza lil elementi suggettivi u mhux tant dawk oggettivi bhal seniority u kwalifiki.

Is-selection Board hallew tibdil tan-nomenklatura kif imsemmi wkoll mill-Bord ta’ l-Appelli dwar Promozzjonijiet;

Irrizulta li diversi haddiema li mhux suppost inghatw marki jew mhux daqshekk hadu marki; diversi haddiema li ma kellhomx kwalifiki inghataw punti fil-qasam tal-kwalifiki.

L-allokazzjoni tal-marki ta’ hafna haddiema fil-qasam ta’ esperjenza huwa manifestament zbaljat;

il-komputazzjoni tal-marki ta’ xi whud hija zbaljata;

ir-rizultati ma gewx ippublikati xhur wara li hargu. Wara zmien l-impjegati setghu jaraw biss il-marka totali taghhom, u

xi sena u nofs ilu dawn il-marki kienu tpoggew ghad-dispozizzjoni tal-haddiema tat-Telemalta;

il-personal files tal-applikanti ma gewx ezaminati;
Illi ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li saru kwantita' kbira ta' irregolaritajiet fl-ghoti tal-promozzjonijiet. B'hekk diversi nies li ma kiex haqqhom jigu moghtija promozzjoni inghataw l-istess promozzjoni. Certament it-Tribunal mhux qieghed jezamina l-aspett tal-ingustizzji b'mod li jindahal f'min gja ha promozzjoni meta mhux suppost ghax dwar dan ma jista' jaghmel xejn, izda ghandu l-obbligu li jipprova jaghmel l-ahjar tieghu biex jirrimedja l-ingustizzji li saru. Dan spiss hu ferm difficli.

Biex tigi mnaqqsa din l-ingustizzja manifesta hemm bzonn li dan it-Tribunal jalloka xi marki ohra fejn ikun il-kaz u b'hekk minn gie ingustament imholli barra ikun jista' jibbenefika mill-process odjern. Biex dan isir u kemm jista' jkun b'mod oggettiv l-allokazzjoni tal-marki trid tigi modifikati li l-kriterju oggettiv dwar seniority [snin ta' servizz] jinhadem fuq bazi ta' 20 marka, u Kwalifiki fuq bazi ta' 40 marka u b'hekk il-kwalifiki oggettivi ikollhom 60%. Experience tinzel ghal 15, Personality 15, Other Sections 5, u General Knowledge 5. Dan l-esercizzju jrid isir mit-Tribunal biss fil-kaz ta' min applika. Ghalkemm it-Tribunal mhux sejjer imiss il-marki, hlief ghal kif inghad, fil-kriterji ta' other sections, u general knowledge, jekk ikun il-kaz irid jara jekk il-marka dwar personality hijiex gusta.

Ukoll ir-rikorrenti irid mhux biss li ssirilhom formula matematika li biha l-marki allokati jigu sostitwiti; izda fejn pruvat li saru zbalji dawn il-marki jridu l-ewwel jigu modifikati b'mod li jekk dawk li hadu l-promozzjonijiet inghataw ghall-istess kwalifiki bhar-rikorrent 10 marki, bl-istess mod irid li r-rikorrent jinghata dawn il-marki.

Fl-ahhar nett jigi rilevat li biex persuna tiehu l-promozzjoni ma kienx sufficjenti li jghaddi izda ried jidhol fil-cut-off section tal-promozzjonijiet. Hawn ukoll trid issir kunsiderazzjoni ohra; kawza ta' dak li sar numru ta' nies [xi terz ta' dawk li saru] u li hadu l-promozzjoni ma kienux johduha b'mod li l-cut-off irid jizdied b'terz.

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-rikorrenti:**

Xehedu Lycia Mallia u Ives Pockock li qalu li r-rikorrenti kienet efficjenti u kapaci fuq xogholha, li kienet qed tiehu hsieb is-sistema ta' kompjuterizzazzjoni fis-sezzjoni tal-Waiting List, li kellha auto dixxiplina fuq xogholha u li kienet wahda mill-ahjar impjegati li kien hemm.

**Konsiderazzjonijiet finali:**

B'dak li intqal fuq il-marki tar-rikorrenti ghandhom jigu revizi b'dan il-mod:

Dwar ***years of service*** ir-rikorrenti trid tinghata 8;

Dwar ***experience*** ir-rikorrenti nghatat 10. Bil-formula hawn fuq imsemmia din ssir 6;

Dwar ***kwalifiki*** kienet inghatat 18.  Bil-formola l-gdida tinghata 29;

Dwar ***personality*** ir-rikorrenti nghatat 10; bil-formola fuq imsemmija ssir 8;

Dwar ***Other Sections*** ir-rikorrenti nghatat 5 u ghalhekk il-marka l-gdida taqra 3;

Dwar ***General Knowledge*** ir-rikorrenti nghatat 5 u ghalhekk il-marka l-gdida taqra 3;

Dan itella' t-total tal-marki tar-rikorrenti ghal 57.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata. Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrenti tinghata rimedju kompensattiv billi tinghata l-kariga ta' Executive Officer b'effett mill-5 ta' Gunju, 1987 u titpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm hadet il-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li tithallas id-differenza fil-paga li sofriet basta dan ma jaqbisx is-somma ta' Lm5000.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.